**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Vs**

**Wayne Cassar**

**Illum, 15 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat li Wayne Cassar ta' 23 sena, bin Carmel u Rowna nee' Deguara, mwieled Pieta' nhar is-07 ta' Ottubru 1999, residenti 1, Nid D'Amour, Triq San Ġorġ, Żurrieq, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 347999(M), ġie akkużat talli:

1. *U nakkużawh talli nhar il-11 ta' Ġunju 2023 f'xi ħin bejn l-għaxra w nofs ta' filgħaxija (22:30hrs) u l-ħdax u nofs ta' filgħaxija (23:30hrs) f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 03 ta' Mejju 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta minn Maġistrat Dr Noel Bartolo LL.D u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mil-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) u ma joħroġx minn hemm qabel is-sitta tal-għada filgħodu (06:00hrs);*
2. *U aktar talli nhar it-18 ta' Ġunju 2023 f'xi ħin bejn nofs il-lejl (00:00hrs) u s-siegħa ta' filgħodu (01:00hrs) f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-*

*kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 03 ta' Mejju 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta minn Maġistrat Dr Noel Bartolo LL.D u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mil-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) u ma joħroġx minn hemm qabel is-sitta tal-għada filgħodu (06:00hrs);*

3. *U aktar talli nhar it-02 ta' Lulju 2023 f'xi ħin bejn l-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) u nofs il-lejl (24:00hrs) f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 03 ta' Mejju 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta minn Maġistrat Dr Noel Bartolo LL.D u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mil-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) u ma joħroġx minn hemm qabel is-sitta tal-għada filgħodu (06:00hrs)*

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digrieti li bihom Wayne Cassar ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi mputat u kif ukoll tordna li s-sommom bħala depozitu u garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li wara li sar l-eżami tal-imputat waqt is-seduta tal-lum 15 ta' Lulju 2023 huwa ammetta l-akkużi, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tagħat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan ipposponiet il-kawża, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri dwar il-piena, li in suċċint saħqu li m'għandux ikun hemm revoka tad-digriet tal-benefiċċju mill-ħelsien mill-arrest peress li dan kieku jikkawża aktar ħsara milli ġid.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ma fehemx il-gravita tal-azzjonijiet tiegħu li għal darba, tnejn, tlieta huwa nstab f' ċirkostanzi li jiksru l-kundizzjonijiet għal ħelsien mill-arrest, u għaldaqstant il-Qorti trid taċċerta ruħha li l-imputat jifhem u jirriforma ruħhu. Madanakollu il-Qorti taqbel mat-teżi tad-difiża li r-revoka tal-benefiċċju mill ħelsien mill-arrest m'hix l-aħjar soluzzjoni fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-ammissjoni bikrija tal-akkużat.

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fuq ammissjoni tal-akkużat stess issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal multa ta' elf Ewro (€1,000) u tordna li l-parti konsistenti fi tlett elef Ewro (€3,000) mill-garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------